



C/2024/1902

5.3.2024

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

li tikkoreġi l-Linji gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali

(C/2024/1902)

Informazzjoni ġenerali

Il-Linji gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali ⁽¹⁾ ("il-Linji gwida") ġew adottati fl-14 ta' Diċembru 2022. Il-Kummissjoni bdiet tapplikahom fl-1 ta' Jannar 2023.

Il-verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-Linji gwida fihom żbalji, li għandhom impatt fuq l-implimentazzjoni ta' dawk il-punti. Barra minn hekk, il-verżjonijiet bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan, bir-Rumen u bis-Slovakk fihom żbalji addizzjonali, speċifiċi għal dawn il-verżjonijiet lingwistiċi. Għaldaqstant huwa xieraq li jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji.

Sabiex tiġi evitata l-konfużjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti tal-Linji gwida milquta mill-iżbalji, il-korrezzjoni għandha tapplika b'mod retroattiv. Għalhekk, il-korrezzjonijiet li ġejjin għal-Linji gwida jidħlu fis-seħħ b'mod retroattiv fl-1 ta' Jannar 2023.

Il-Linji gwida huma kkoreġuti kif ġej:

(1) (ma tikkonċernax il-lingwa Ingliża)

(2) (ma tikkonċernax il-lingwa Ingliża)

(3) il-punt (22) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(22). Dawn il-Linji gwida japplikaw għall-għajnuna lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u fil-prinċipju anke lil intrapriżi kbar. Madankollu, l-intrapriżi l-kbar għandhom it-tendenza li jkunu anqas affettwati mill-fallimenti tas-suq milli l-SMEs. Barra minn hekk, l-intrapriżi l-kbar fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali huma aktar probabbli li jkunu atturi sinifikanti fis-suq u, konsegwentement, f'każijiet speċifiċi, l-għajnuna mogħtija lil intrapriżi kbar tista' tfixkel b'mod partikolari l-kompetizzjoni u l-kummerċ fis-suq intern. Peress li l-għajnuna lill-intrapriżi l-kbar fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali u lil intrapriżi kbar oħrajn tista' tikkawża distorsjonijiet simili tal-kompetizzjoni, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-intrapriżi l-kbar f'dawn il-Linji gwida huma armonizzati mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u huma soġġetti għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà skont l-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat kif deskritt fil-Kapitolu 3 ta' din il-Parti. Fir-rigward tal-miżuri ta' għajnuna għas-settur tal-bhejjem skont il-Parti II, it-Taqsima 1.3.3. ta' dawn il-Linji gwida, li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115, il-Kummissjoni żżomm il-politika preċedenti tagħha li l-intrapriżi l-kbar għandhom ikunu jistgħu jiffinanzjaw l-ispejjeż ta' dawn il-miżuri huma stess. Għalhekk, l-għajnuna fis-settur tat-trobbija tal-bhejjem għandha tibqa' limitata għall-SMEs."

(4) il-punt (33)(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(3) 'event klimatiku avvers li jista' jkun assimilat ma' diżastru naturali' tfisser kundizzjonijiet ħżiena tat-temp bħal ġlata, maltempati u silġ, borra, xita bil-qliel jew persistenti, jew nixfa severa li jeqirdu, fil-każ tal-agrikoltura, aktar minn 30 % tal-medja tal-produzzjoni kkalkolata fuq il-bażi tal-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew erba' snin jew tal-produzzjoni medja kkalkolata fuq il-bażi tal-perjodu preċedenti ta' ħames snin jew ta' tmien snin, esklużi l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa; fil-każ tal-forestrija, aktar minn 20 % tal-potenzjal tal-forestrija;"

(5) il-punt (41) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(41) bl-eċċezzjoni tal-għajnuna skont il-punt (499) tal-Parti II u l-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji gwida, dawn il-kundizzjonijiet ġenerali ta' kompatibbiltà japplikaw għall-għajnuna kollha koperta minn dawn il-Linji gwida, sakemm ma jkunux previsti derogi fit-Taqsimiet 3.1 u 3.2 ta' din il-Parti, minħabba kunsiderazzjonijiet partikolari applikabbli fis-settur agrikolu."

⁽¹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Linji gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali" (ĠU C 485, 21.12.2022, p. 1).

- (6) il-punt (55) hu kkoreġut kif ġej:
- (a) il-frażi introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:
- “B’deroga mill-punti (50) sa (53), il-kategoriji ta’ għajnuna li ġejjin ma humiex meħtieġa li jkollhom effett ta’ inċentiv jew jitqiesu li għandhom effett ta’ inċentiv.”
- (b) il-punt (q) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(q) Għajnuna għall-kostijiet tat-trattament u għall-prevenzjoni tat-tixrid ta’ pesti, mard tas-siġar u speċijiet aljeni invażivi u għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn tali pesti, mard tas-siġar u speċijiet aljeni invażivi f’konformità mal-Parti II, it-Taqsima 2.8.1.”
- (7) il-punt (71) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(71) Għall-finijiet ta’ dawn il-Linji gwida, il-Kummissjoni tikkunsidra li s-suq mhux qiegħed iwassal l-għanijiet mistennija mingħajr l-intervent tal-Istat fir-rigward tal-miżuri ta’ għajnuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fit-Parti II. Għalhekk, din l-għajnuna għandha titqies bħala meħtieġa.”
- (8) il-punt (84) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(84) Fil-prinċipju, sabiex l-għajnuna tkun proporzjonata, il-Kummissjoni tqis li l-ammont tal-għajnuna jenħtieġ li ma jaqbiżx il-kostijiet eliġibbli. Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli għal inċentivi ambjentali jew għal inċentivi pubbliċi oħrajn li huma previsti f’Parti II, Taqsimiet 1.3.1.1 u 2.3.”
- (9) (ma tikkonċernax il-lingwa Ingliża)
- (10) fil-punt (157), punt (c), it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Il-kundizzjonijiet elenkati f’dan il-punt (c) ma japplikawx għal investiment f’installazzjoni eżistenti li tolqot biss l-effiċjenza enerġetika jew investiment fil-ħolqien ta’ ġibjun jew investiment fl-użu tal-ilma riċiklat li la jolqot korp ta’ ilma ta’ taħt l-art jew tal-wiċċ;”
- (11) il-punt (144) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(144) Il-Kummissjoni se tqis l-għajnuna għall-investimenti f’azjendi agrikoli marbuta mal-produzzjoni agrikola primarja bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3), il-punt (c), tat-Trattat jekk din tkun tikkonforma mal-Parti I, il-Kapitolu 3, ta’ dawn il-Linji gwida, mal-kundizzjoni ġenerali għall-għajnuna għall-investiment stipulata fil-punt (143) u mal-kundizzjonijiet stipulati f’din it-Taqsima.”
- (12) (ma tikkonċernax il-lingwa Ingliża)
- (13) (ma tikkonċernax il-lingwa Ingliża)
- (14) fil-punt (176), punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(a) investimenti marbuta ma’ wieħed jew aktar mill-oġġettivi speċifiċi relatati mal-ambjent u mal-klima msemmija fil-punt (152) (e), (f) u (g) jew investimenti favur l-ipproċessar ta’ prodotti agrikoli marbuta ma’ titjib fit-trattament xieraq tal-annimali;”
- (15) fil-punt (193), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(c) gruppi ta’ produttori li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 67(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115 jew gruppi ta’ produttori, organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet, li l-oġġettivi tagħhom huma inkompatibbli mal-Artikolu l-Artikolu 152(1)(c), l-Artikolu 156 l-Artikolu 161 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.”
- (16) (ma tikkonċernax il-lingwa Ingliża)
- (17) il-punt (267) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(267) L-għajnuna għal investimenti fil-produzzjoni primarja u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti organiċi hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet 1.1.1.1 u 1.1.1.3 ta’ din il-Parti.”

(18) il-punt (318) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(318) Fil-każ ta' operazzjonijiet imsemmija fil-punt (315)(c) li jikkonsistu f'investimenti, l-ġhajjnuna trid tkun limitata għall-intensità massima tal-ġhajjnuna għall-investment, kif speċifikat fit-Taqsima rilevanti dwar l-ġhajjnuna għall-investment.”

(19) (ma tikkonċernax il-lingwa Ingliża)

(20) fil-punt (361), il-punt (b)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(i) programm pubbliku fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew reġjonali għall-prevenzjoni, il-kontroll jew il-qerda tal-mard tal-annimali, tal-pest tal-pjanti jew tal-ispeċijiet aljeni invażivi kkonċernati;”

(21) (ma tikkonċernax il-lingwa Ingliża)

(22) il-punt (399) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(399) l-ġhajjnuna u kwalunkwe pagament ieħor riċevut bħala kumpens għall-ispejjeż indiretti msemija fil-punt (393)(b), inklużi pagamenti skont miżuri oħra nazzjonali jew tal-Unjoni jew poloz tal-assigurazzjoni għal dannu li għalih tingħata l-ġhajjnuna, ma jridux jaqbżu l-100 % tal-kostijiet eliġibbli.”

(23) (ma tikkonċernax il-lingwa Ingliża)

(24) il-punt (444) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(444) id-dispożizzjonijiet dwar il-kostijiet eliġibbli u dwar l-intensità tal-ġhajjnuna stabbiliti fit-Taqsima 1.3.1.1 huma applikabbli, bl-eċċezzjoni tal-kostijiet imsemmija fil-punt (432).”

(25) (ma tikkonċernax il-lingwa Ingliża)

(26) (ma tikkonċernax il-lingwa Ingliża)

(27) (ma tikkonċernax il-lingwa Ingliża).
